

Brussell, 16 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5476/24

ECOFIN 51
UEM 14
SOC 24
EMPL 17
COMPET 55
ENV 52
EDUC 12
RECH 23
ENER 22
JAI 67
GENDER 8
ANTIDISCRIM 6
JEUN 10
SAN 32

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5022/24	
Suġġett:	Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024 – Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Jannar 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024, kif approvati mill-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tas-16 ta' Jannar 2024.

STHARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR SOSTENIBBLI 2024

– Konklużjonijiet tal-Kunsill –

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JISĦAQ li l-ekonomija tal-UE għadha reżiljenti wkoll bis-saħħa ta' rispons politiku qawwi, ikkoordinat u f'waqtu minkejja t-tnaqqis fir-ritmu fl-2023. Wara ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija, l-attività ekonomika fl-UE ddgħajfet fost għoli tal-ħajja akbar, domanda esterna baxxa u hekk kif l-effett tal-issikkar tal-politika monetarja qed jasal fl-ekonomija. JISSOTTLINJA li s-swieq tax-xogħol tal-UE għadhom b'saħħithom, b'rati ta' parteċipazzjoni storikament għoljin u rati baxxi ta' qgħad, minkejja varjazzjoni fost l-Istati Membri, ir-reġjuni, u l-gruppi tal-popolazzjoni. JAGĦRAF li, għalkemm l-inċertezza u r-riskji negattivi għall-prospettiva ekonomika żdiedu f'dawn l-aħħar xhur, l-aktar minħabba tensjonijiet ġeopolitiċi u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-volatilità tas-swieq tal-enerġija, huwa mistenni rkupru gradwali fit-tkabbir għall-2024, appoġġat minn suq tax-xogħol li għadu b'saħħtu u l-proċess diżinflazzjonarju kontinwu.
2. B'MOD ĠENERALI JAQBEL mal-isfidi u l-prijoritajiet ekonomiċi deskritti fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024. JINNOTA l-erba' dimensionsjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva, l-istabbiltà makroekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, u l-ġustizzja. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà ekonomika, fiskali u finanzjarja, u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi kollha. JENFASIZZA l-importanza ta' azzjonijiet ta' politika rapidi u kkoordinati għat-tisħiħ tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE, b'enfasi fuq l-indirizzar tal-isfidi futuri, partikolarment b'rabta mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-popolazzjoni li qed tixjieħ.

3. JISSOTTOLINJA li filwaqt li l-politiki għandhom jibqgħu aġli fid-dawl tal-inċertezza prevalenti, pożizzjoni ta' politika fiskali restrittiva ġenerali fl-2024 hija xierqa biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u sabiex jiġi evitat li jiżdiedu l-pessjonijiet inflazzjonarji. JILQA' l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed jippjanaw li jnaqqsu l-miżuri tagħhom ta' appoġġ għall-enerġija u JAQBEL li l-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza għall-enerġija li fadal għandhom jitneħħew gradwalment mill-aktar fis possibbli fl-2024 u l-iffrankar relatat għandu jintuża biex jitnaqqsu d-defiċits tal-gvern. JISĦAQ li l-istrateġija tal-politika fiskali għandu jkollha l-għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali, tibni mill-ġdid il-buffers fiskali, twassal għal tkabbir sostenibbli oġġli u tagħti spinta lir-reżiljenza tal-UE għal sfidi futuri. JILQA' l-fatt li l-investiment pubbliku huwa mistenni li jiżdied fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tal-UE b'kontribut sinifikanti għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, u JFAKKAR fl-importanza li jiġi żgurat l-assorbiment effettiv tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jkomplu jsiru riformi strutturali ambizzjużi u investiment produttiv, inkluż fi prioritajiet komuni, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, is-sigurtà tal-enerġija, it-tisħiħ tal-produttività u r-reżiljenza, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' difiża, filwaqt li jiġi ppreservat is-Suq Uniku bħala element essenzjali tal-awtonomija strateġika miftuħa. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tal-investiment privat f'dak ir-rigward.
4. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jittejbu aktar il-kundizzjonijiet qafas biex tingħata spinta lill-investiment privat u l-produttività. Dan jinkludi t-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-konġestjonijiet billi jiġu infurzati r-regoli eżistenti u jitneħħew l-ostakli, anke fil-livell reġjonali u lokali, l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. JAQBEL li t-trawwim ta' ambjent ġust u favorevoli għan-negozju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huwa essenzjali għat-tisħiħ tas-suq uniku. JAGĦRAF li t-tisħiħ tal-industrija tal-UE b'emissjonijiet zero netti huwa essenzjali biex jiġu pprovduti t-teknoloġiji u l-komponenti meħtieġa biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u li ktajjen tal-provvista reżiljenti u diversifikati huma kruċjali biex l-industrija tal-Ewropa tibqa' kompetittiva.

5. JISĦAQ li settur finanzjarju reżiljenti huwa kruċjali kif ukoll iż-żamma tal-fluss ta' kreditu għall-ekonomija, inkluż f'ċirkostanzi ekonomiċi iebsin. JENFASIZZA l-importanza li titlesta l-Unjoni Bankarja u l-ħtieġa ta' aġenda ambizzjuża biżżejjed biex tkompli tiżviluppa l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, peress li swieq kapitali tal-UE profondi u integrati jikkontribwixxu biex tizzied il-kompetittività dinjija tal-UE u jippromwovu l-kontribut tas-settur privat għall-ħtiġijiet addizzjonali ta' investiment ekoloġiku u diġitali.
6. JENFASIZZA l-importanza tal-użu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għat-tisħiħ tas-sostenibbiltà kompetittiva tal-UE. JAPPELLA għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza sal-2026, inkluż il-miżuri relatati ma' REPowerEU. JENFASIZZA l-importanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u JINNOTA r-rilevanza ta' rakkomandazzjonijiet ġodda jew aġġustati biex jindirizzaw l-aħħar sfidi ta' politika.
7. JINNOTA li s-Semestru Ewropew fl-2024 ser ikompli jkun marbut mal-implimentazzjoni tal-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komplementarjetà tar-riformi u l-investimenti ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni kontinwa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi. JAPPELLA biex is-Semestru Ewropew jinżamm primarjament iffukat fuq politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjiegi, inkluż fuq sfidi ta' riforma u investiment mhux indirizzati fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, u li jiġu evitati duplikazzjonijiet f'diversi flussi ta' ħidma ta' sorveljanza. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tas-sorveljanza multilaterali fis-Semestru Ewropew u JAPPELLA biex il-pakkett tar-rebbiegħa jsir f'waqtu.
8. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' qafas rivedut ta' governanza ekonomika għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u JAPPELLA għal gwida f'waqtha u koerenti għall-Istati Membri.